# BEATU NAZJU FALZON



***Forsi ftit huma midħla tal-kontribut kbir li l-Beatu Nazju Falzon ta lill-knisja Maltija ta' żmienu. Hawnhekk qegħdin nippubblikaw ħjiel tal-ħajja tiegħu u l-ħidma tiegħu fost il-militari Ingliżi li kien ikun hawn fostna.***

Nazju Falzon twield fl-1 ta' Lulju 1813 fi triq id-Dejqa l-Belt Valletta. Hu kien it-tielet iben ta' l-Imħallef Francesco Giuseppe Falzon u ta' Maria Teresa xebba Debona. Nazju ħa l-edukazzjoni tiegħu mingħand żewġ qassisin, Dun Ġużepp Mizzi u Dun Ġużepp Abela. Mingħand dawn iż-żewġ saċerdoti hu tgħallem biex seta' jidħol l-Universita' u jaqbad l-istudji għal avukat u x-Xjenzi Divini.

Hu kien igħallem il-katekiżmu fil-Knejjes ta' Santa Barbara u dik tal-Pilar fil-belt Valetta. Iżda ċ-ċentru tal-ħidma tiegħu kienet il-Knisja tal-Ġiżwiti. Kien għadu ma temmx l-istudji tiegħu meta Nazju rċieva l-ewwel tonsura klerikali mingħand l-Isqof Publio Maria de Conti Sant waqt l-Ordinazzjoni Ġenerali li saret fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta fl-20 ta' Diċembru 1828.

Fil-21 ta' Awissu 1831 l-Isqof Francesco Saverio Caruana waqt ċerimonja li saret fil-kappella tal-Palazz tiegħu, ta' lil Nazju l-ordnijiet Minuri ta' l-Ostarjat u tal-Lettorat. Ftit xhur wara, fl-istess post, l-istess Isqof tah l-ordnijiet minuri ta' l-Eżorċistat u ta' l-Akkolitat.

Wara li temm l-istudji fil-liġi fis-7 ta' Settembru 1833, Nazju Falzon kiseb il-lawrija fid-Dritt Kanoniku u Ċivili mill-Universita' ta' Malta fl-eta' ta' 20 sena. Għalkemm ħa l-lawrija ta' avukat, qatt ma pprattika din il-profesjoni. Barra minnhekk, għalkemm għamel l-istudji kollha meħtieġa għas-saċerdozju hu qatt ma kien ordnat qassis. Il-lawrija ta' avukat servietu biex jgħin lill-foqra li kienu jfittxuh għall-għajnuna u l-pariri. Filwaqt li l-istudji tal-filosofija u t-teoloġija ħaddimhom biex jipprepara lis-suldati u l-baħrin Ingliżi biex iħaddnu l-fidi kattolika.

Minħabba li l-gwerra tal-Krimea kienet waslet biex tfaqqa', f' dak iż-żmien f' Malta kien ikun hawn ħafna suldati u baħrin ta' l-Imperu Ingliż. Nazju Falzon tgħallem l-Ingliż biex ikun jista jaħdem fost dawn il-barranin. Għall-ewwel kien ilaqqagħhom fid-dar tal-familja tiegħu fit-triq id-Dejqa l-Belt. Iżda meta n-numru kiber, beda jorganizza l-laqgħat tagħhom fil-Knisja tal-Ġiżwiti li tagħha ħuħ li kien saċerdot kien rettur. Fl-1848, Nazju waqqaf il-Kongregazzjoni għal membri tas-Servizzi Ingliżi. Kien jiġborhom għall-qari spiritwali u wara li kien jingħad ir-rużarju u talb ieħor kien iġġibilhom saċerdot għal qrar. Fl-istess perjodu kiteb il-ktieb bl-ingliż ***The Comfort of the Christian Soul*** .

Nazju Falzon miet fl-1 ta' Lulju 1865, dakinhar li għalaq 52 sena. Il-proċess għall-beatifikazzjoni beda fit-12 ta' Jannar 1869 meta nfetaħ il-qabar tiegħu u saret l-identifikazzjoni tal-katavru. Il-qabar infetaħ drabi oħra. L-aħħar darba f' April li għadda .





*Nhar is-Sibt u l-Ħadd 21 u 22 ta' Lulju 2001, il-parroċċa tagħna laqgħet l-urna bil-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon flimkien mal-ostensorju bir-relikwija tiegħu. Ġew esposti fil-Bażilika għall-qima tal-fidili u wara kull quddiesa sar il-bews tar-Relikwija. Tqassmu santi bit-talba tal-Beatu l-ġdid, u f'kull quddiesa waqt l-omelija sar ħsieb dwar dan il-Beatu biex ikun magħruf, apprezzat u meqjum aktar.*